# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 20**

**Cit. Nru. 1072/2001 GCD**

**Joseph Said Ltd.**

**Vs**

**Franco Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ippremettiet:

Illi l-konvenut Franco Scicluna huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tlett elef tnejn u ghoxrin lira u ghaxar centezmi (Lm3,022.10) ammont dovut fuq servizz ta' frott konsenjat lill-konvenut;

Illi nonostante s-sejha ghall-hlas maghmula mis-socjeta` attrici, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghall-hlas ta' dan id-debitu li hu cert, likwidu u dovut;

Talbet illi din il-Qorti:

1. prevja d-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 u artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja, tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' Lm3,022.10.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenut ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni wara li l-Qorti fissrithielu;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg. cm